KUNSILL LOKALI

LOCAL COUNCIL

BORMLA
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 62/2016

**12 ta' Diċembru, 2016**

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Ivan Agius – Viċi Sindku
Noyah Spiteri – Kunsilliera
Pablo Cachia Belli – Kunsillier
James Cauchi – Kunsillier
Roderick Mamo – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Joseph Caruana – Segretarju Eżekuttiv

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

## Minuti

Is-Sindku Alison Zerafa Civelli ppresjediet il-laqgħa.

### 62.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

62.1.1 Kulħadd preżenti

### 62.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

62.2.1 Il-minuti tal-laqgħa nru 61 ġew meħuda bħala moqrija.

Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tal-Kunsillier Pablo Cachia Belli ssekondat mill-Kunsillier Roderick Mamo, il-minuti ġew unanimament approvati wara votazzjoni.

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

### 62.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

62.3.1 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li l-party tal-Milied għat-tfal se jsir fil-23 ta' Diċembru, 2016 fis-sala tal-Każin tal-banda San Ġorġ fid-9.00am.

62.3.2 Hija nfurmathom ukoll li l-attivita' Christmas by the Dock se ssir nhar il-Ħadd 18 ta' Diċembru, 2016.

62.3.3 Il-Kunsill unanimament approva wara votazzjoni li l-ikla tal-Milied/Sena l-Ġdida ssir f'Jannar, 2017.

62.3.4 Fuq rikjesta tad-Direttur tal-Gvern Lokali, is-Sur Adrian Mifsud, is-Sindku qrat ċirkulari 46/2016 li kienet tirrigwardja struzzjonijiet għal matul il-Festi tal-Milied.

62.3.5 Għal darb'oħra fuq rikjesta tad-Direttur tal-Gvern Lokali, is-Sindku qrat ċirkulari 48/2016 li kienet tirrigwardja l-Community Workers Scheme fil-Kunsilli Lokali.

62.3.6 Is-Sindku għamlet referenza għal rapporti li deheru fil-media lokali l-ġimgħa l-oħra fejn ingħataw dettalji mir-Rapport tal-Awditur, fejn Bormla kienet waħda minn erba' lokalitajiet li żiedu l-kapital u saħħew il-pożizzjoni finanzjarja. Il-Kunsill wera sodisfazzjon kbir għal dan ir-riżultat.

### 62.4 Pagamenti – L-ewwel nofs ta' Diċembru, 2016

62.4.1 Is-Sindku poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għall-ewwel nofs ix-xahar ta' Diċembru, 2016.

62.4.2 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tal- Kunsilliera Noyah Spiteri ssekondata mill-Viċi Sindku Ivan Agius, il-kontijiet ġew unanimament approvati għall-pagament.

Is-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u żewġ Kunsilliera ffirmaw l-iskeda.

## 62.5 Rapport tal-Bord tal-Għażla – Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv

62.5.1 Is-Sindku Alison Zerafa Civelli qrat ir-rapport tal-Bord tal-Għażla fejn indikat li ż-żewġ kandidati li attendew għall-interview kellhom *pass mark* fejn Duncan Hall kellu marka ogħla minn ta' Brian Busuttil.

62.5.2 Il-Kunsill unanimament approva li joqgħod fuq il-proposta tal-bord tal-Għażla u għaldaqstant għażel lis-Sur Duncan Hall.

## 62.6 "Write-off" ta' Debituri u aġġornament tal-Provision for Bad & Doubtful Debts

62.6.1 Il-Kunsill ġie preżentat b'lista tal-Provision for *Bad & Doubtful Debts*.

62.6.2 Il-Kunsill unanimament approva li tiġi written off is-somma ta' €7564.64 kif ukoll tibqa s-somma ta' €286.34 bħala *provision for doubtful debts.*

## 62.7 Korrispondenza

62.7.1 Talba għal binja għal Childcare Centre (5/12/2016)

Is-Sinjura Amanda Bezzina talbet lill-Kunsill jekk għandhomx xi binja biex jinfetaħ Child care centre.

Il-Kunsill unanimament approva li ma tintbagħatx risposta għax din l-ittra diġa kienet resqet quddiem il-Kunsill u ingħatat risposta negattiva għax il-Kunsill m'għandux bini tiegħu.

62.7.2 Tneħħija ta' Skips (05/3708/16)

Għalliema mill-Middle School ta' Bormla talbet lill-Kunsill biex jitneħħew l-iskips li hemm quddiem l-iskola għax qed ikunu mimlijin kif ukoll jitpoġġa l-iskart madwarhom u joħolqu ambjent tal-mistħija.

Is-Sindku qalet li l-iskips diġa tneħħew u spjegat il-passi kollha li ttieħdu b'kollaborazzjoni mal-wardens.

62.7.03 Grounds Peppi Delceppo

Is-Sindku spjegat li rċevejna s-somma ta' €55,000 bħala antiċipu biex jiġu rranġati l-grounds Peppi Delceppo.

Wara spjegazzjoni l-Kunsill unanimament approva li niltaqgħu mas-Sur Żaren Vassallo biex naraw x'qed jitlob ta' sehemu filwaqt li niċċekkjaw mad-Dipartiment jekk hemmx deadline biex nikkonkludu l-ftehim.

## 62.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

61.13.01 Il-laqgħa intemmet fid-8.50pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 11 ta' Jannar, 2017 fis-6.30pm.

Konfermati, illum 11 ta' Jannar, 2017

| | |
|---|---|
| *IFFIRMATA* | *IFFIRMATA* |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Joseph Caruana** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |